# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Tmien Legislatura**

### ***Laqgħa numru 32***

***25 t' Ottubru 2017***

### ***Preżenti***

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### ***Assenti b'Apoloġiji*** (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *32.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

32.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri tal-apoloġiji.

## *32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

32.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa preċedenti tal-Kunsill kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic talab sabiex numru 30.4.2 tkun mibgħuta bħala email lid-Dipartimenti u l-Ministeri kollha tal-Gvern. Il-Kunsillier talab ukoll emenda f'numru 30.9.1 sabiex tinqara "permezz ta' ħruġ ta' tender għall-ġbir ta' ħmieġ taż-żwiemel ta' ħdejn il-korsa". Il-minuti ġew aċċettati bl-emendi kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

32.2.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa Urġenti tat-18 ta' Ottubru. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab numru ta' emendi f'dawn il-minuti, u wara li ġew moqrija l-emendi ġew aċċettati mill-Kunsill u ġew mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinbidlu kif mitlub. Il-minuti ġew aċċettati bl-emendi kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

32.3.1 Ma kien hemm xejn.

## *32.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

30.4.1 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer talab informazzjoni dwar x'attivitajiet relatati mall-Valletta 18 ser ikunu qed jinkludu l-Marsa. Dan hekk kif filwaqt li hemm għadd ta' Kunsilli li qed jidhru f'dawn l-attivitajiet, l-Marsa m'hija qed tidher imkien. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ser jikkunttatja l-organizzaturi sabiex naraw fejn ser tkun inkluża l-Marsa f'dawn l-attivitajiet.

## *32.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

32.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Matul is-seduta qamu xi mistoqsijiet. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa dwar il-pagamenti tal-perit għaliex qed jarahom għoljin. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-ħlasijiet tal-Perit ikunu relatati mall-proġett għaliex dan dejjem ikollu 1% fuq kull proġett tal-Kunsill.

32.5.2 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer staqsa klarifikazzjoni dwar l-invoices tal-Wasteserv li tidher fuq l-iskeda għall-erbgħa darbiet wara xulxin. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm erbgħa invoices tal-Wasteserv li jidhru kull xahar, hekk kif il-kuntrattur tat-tindif jidħol jarmi l-iskart b'żewġ vannijiet iżda l-Kunsill ma jħallas xejn tiegħu.

32.5.3 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer staqsa għalfejn il-kumpanija Panta Marketing and Service Ltd. għandha żewġ invoices viċin ta' xulxin. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li kien hemm żewġ sejħiet min naħa tal-uffiċju tal-Kunsill minħabba ħsarat fuq is-sistema tat-telephones li waħda minnhom kienet ħsara fuq is-sistema tal-GO u l-oħra kienet fuq il-PABX wara li ġiet milquta min sajjetta. Ta' min jinnota li l-lum kull call li tagħmel għand il-kumpaniji trid tħallas għalihom.

## *32.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

32.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Moviment Kerygma ser jagħmlu Premju Żagħżugħ tas-Sena 2017. Il-premju hu miftuħ għal żagħżagħ li juru sens kbir ta' mpenn fil-ħajja Nisranija. Il-Kunsill qabel li din l-applikazzjoni ser tiġi mgħoddija liż-żewġ Kappillani tal-Parroċċi tal-lokal sabiex ikunu jistgħu jagħżlu l-kandidat idejali.

.

32.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Marsa Trinity A.F.C. qed isaqsi l-Kunsill jekk hux interssat jirreklama fuq il-kalendarju li l-prezz tiegħu huwa ta' mitt ewro. Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

32.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal l-Għaqda Storika Kulturali Marsa qed titlob permess biex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill sabiex jorganizzaw taħdita kulturali nhar il-Gimgħa 3 ta' Novembru fis-6.00pm. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

32.6.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kumitat Mużikali Trinita' Qaddisa qed titlob lill-Kunsill sabiex tiġi installata notice board ma naħa taż-żuntier tal-Knisja faċċata tal-Każin biex ikunu jistgħu jinfurmaw il-membri tagħhom. Il-Kunsill qabel li l-għaqdiet għandhom jiġu nfurmati sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu min dan in-notice board billi jgħaddu l-materjal li jkunu jridu jpoġġu lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

32.6.5 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Mużikali Banda Marija Reġina qed issaqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat li jirreklama fuq il-kalendarju 2018 li jiswa €150. Il-Kunsillier s-Sur Domenic Spencer issekonda, filwaqt l-vot favur kien unanimu.

32.6.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li l-Arts Council Malta ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex isir monument tal-fundatur tal-Iscouts s-Sur George Camilleri fi Pjazza G.F. Abela.

32.6.7 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li L-Proġett tal-Istrina tal-President ta' Malta ser ikun maqsum fi tlett ijiem f'kull lokalita' madwar Malta. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu nfurmati l-Iscouts dwar din l-attivita' sabiex tkun imexxija minnhom. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *32.7 Financial Committment Report July - September 2017*

32.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju s-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali matul il-perjodu ta' tlett xhur bejn Lulju sa Settembru 2017. Hawnhekk is-Segretarju spjega li skont ir-regoli l-ġodda tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-figuri ser ikunu qed jirriflettu l-andament finanzjarju tal-Kunsill għall-ewwel disa' xhur ta' din is-sena. F'dan il-perjodu rajna li l-andament finanzjarju pozzittiv li kien qed jgawdi l-Kunsill fl-ewwel sitt xhur kompla jissaħħaħ hekk kif ġie rreġistrat surplus ta' kwazi ftit aktar minn €55,000 dovut primarjament mid-dħul tal-Gvern Ċentrali. L-infieq ewlieni tal-Kunsill kompla jkun dak relatat mat-tinfid u maintenance. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.8 Ħruġ ta' Tender Proġett ta' Urban Greening*

32.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li hemm bżonn jerġa joħroġ it-tender għall-Proġett tal-Urban Greening. Dan hekk kif wara li ngħalqet is-sejħa għall-offerti l-Kunsill ma rċieva l-ebda offerta. Għaldaqstant, l-Kunsill ser ikun qed jerġa joħroġ din is-sejħa permezz tas-sistema eletronika ePPS. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.9 Akkumulazzjoni ta' Leave tas-Segretarju Eżekuttiv*

32.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Kunsill sabiex is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert ikun jista jestendi l-leave ta' din is-sena għas-sena d-dieħla bl-ammont massimu li huwa permessibli. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.10 Xiri ta' Mobile għall-Uffiċċju tal-Kunsill*

32.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm il-ħsieb li l-Kunsill jixtri mobile irħis sabiex ikun hemm linja oħra li biha r-residenti jkunu jistgħu jċemplu u jinqdew mill-uffiċju tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li l-kumpanija GO tipprovdi handset u linja diretta u ma jkunx hemm għalfejn jinxtara mobile. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta hekk kif il-Kunsill diġa' għandhu l-linji kollha mall-kumpanija GO. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekkonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *32.11 Żjara mill-Ambaxxatriċi Amerikana*

32.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li l-gimgħa d-dieħla l-Ambaxxatriċi għall-Malta tal-Istati Uniti tal-Amerika ser iżżur l-uffiċju tal-Kunsill. Ikun ġest sabiħ jekk għal din l-okkazzjoni l-Ambaxxatriċi tingħata mafkar żgħir bħal xi platt bl-arma tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda, filwaqt li l-vot favur din il-proposta kien unanimu.

Fis-7.00pm daħal il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit.

## *32.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

30.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għat-8 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 8 ta' Novembru 2017